MALTA

# QORTI ĊIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMĦALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Mejju, 2004

Ċitazzjoni Numru. 2472/2000/1

**Supermarkets (1960) Ltd.**

**-vs-**

**Joseph Stivala.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att tac-citazzjoni pprezentat fis-17 ta' Novembru, 2000 li permezz taghha is-socjeta' attrici ppremettiet:

Li s-socjeta' attrici hija s-sid tal-fond Marks & Spencer, The Strand, Sliema sovrastanti l-fond JA Supermarkets, 18/19, The Strand, Sliema.

Li minn dan il-fond s-socjeta' attrici topera hanut maghruf bhala Marks & Spencers li hu miftuh ghal pubbliku u fejn hemm diversi impjegati.

Li dan l-ahhar il-konvenut qed jaghmel xoghol fil-fond JA Supermarkets u partikolarment fis-saqaf ta' l-istess fond liema xoghol jinkludi twaqqiegh tal-parti komuni bejn l-art tas-socjeta' attrici u s-saqaf tal-fond JA Supermarkets kif ukoll toqba fl-istess art tas-socjeta' attrici.

Li kif jirrizulta mill-anness rapport tal-Perit Buhagiar dan ix-xoghol jrendi l-fond tas-socjeta' attrici perikoluz.

Li l-konvenut gie mitlub li jieqaf mix-xoghol izda baqa' ghaddej.

Li l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi vjolazzjoni arbitarja u llegali tal-pussess tas-socjeta' attrici liema vjolazzjoni tikkostitwixxi spoll.

Li l-istess xoghol qieghed jikkaguna danni lill-bini tas-socjeta' attrici.

Li fuq talba tas-socjeta' attrici inhareg mandat ta' inibizzjoni kontra l-konvenut.

Ghalhekk jitolbu lil din l-Onorabbli Qorti ghaliex m'ghandhiex:

1. Tiddikjara li l-agir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll.

2. Tikkundanna lill-konvenut sabiex jaghmel dak ix-xoghol necessarju sabiex s-socjeta' attrici terga' tkun fil-possizzjoni li kienet qabel ma nibdew ix-xogholijiet mill-konvenut fuq is-saqaf/l-art.

3. Fin-nuqqas tawtorizza lis-socjeta' attrici sabiex tesegwixxi x-xoghol hi a spejjez tal-konvenut taht id-direzzjoni ta' perit nominat.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-mandat ta' inibizzjoni 3861/00.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjeta' attrici mahlufa minn John Mattei ID 808839 (M) u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet pprezentata fit-2 ta' Frar, 2001 li permezz taghha l-konvenut ecepixxa:

1. Fl-ewwel lok l-eccipjenti ghandu jigi liberat mill-osservanza tal-gudizzju peress li hu ma ghamel l-ebda xoghol fil-fond JA Supermarkets. Ghalhekk ukoll ma' hemm l-ebda relazzjoni guridika bejn l-attur u l-istanti.

2. Fit-tieni lok u minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-konvenut ma kkometta l-ebda spoll vjolenti u klandestin kontra s-socjeta' attrici.

3. Fit-tielet lok u dejjem minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni attrici hija nulla stante li jonqsu l-elementi essenzjali ta' l-istess azzjoni.

4. Salv eccezzjonijiet ohrajn.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut mahlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tat-28 ta' Jannar 2004 li permezz tieghu il-kawza thalliet ghas-sentenza fuq l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat.

Illi l-konvenut qed jecepixxi illi mhuwiex il-legittimu kontradittur stante illi ma ghandhu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici peress illi hu ma ghamel ebda xoghol fil-fond JA Supermarkets. Ir-raguni mhijiex cara fin-nota ta' l-eccezzjonijiet izda mill-atti jirrizulta illi l-fond in kwistjoni mhux gestit minnu personalment izda mis-socjeta' Stivala Holdings Limited li taghha hu direttur uniku.

Il-kawza odjerna hija wahda ta' spoll u kwindi azzjoni possessorja. Kwindi ghandha issir minn gie spoljat mill-pussess fil-konfront ta' min ikkometta l-ispoll. Barra minn dan l-eccezzjonijiet permissibi huma biss dawk dilatorji.

Fil-kaz in esami l-atturi bl-ebda mod ma setghu ikunu jafu li l-konvenut kien qed jopera permezz tal-kumpanija Stivala Holdings Limited; fil-fatt anke fid-dokument esebit a fol 48 tal-process il-konvenut meta irrisponda permezz tal-perit tieghu ma indika xejn anzi l-ittra tghid li l-perit Spiteri kien qed jikteb *on behalf of my client Mr. Joseph Stivala owner of the premises in caption.*

F'kawza possessorja ma japplikawx dawk ir-regoli applikabli f'azzjoni petitoria kwindi mhux importanti min hu l-proprjetarju izda min hu l-possessur. Dan biex il-konvenut ikun jista' jigi ikkundannat jerga' jpoggi lill-attur fil-pussess.

Il-Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet Orlov vs. Pavia (14 ta' Jannar 2002) qalet:

*.. l-actio spolii torigina ex delicto fuq fatt illecitu. Kull min jikkonkorri fil-kommissjoni tal-illecitu hu azzjonabbli u dana personalment. Kien ghalhekk illi s-socjeta' kienet azzjonablli tramite d-diretturi taghha jekk jigi ritenut li kien konsapevoli ta' dak li kellu jsehh u fil-fatt sehh u allura kienet kompartecipi fl-att delittwuz. Kien ukoll azzjonabli min effettivament iwettaq l-illecitu li fl-ahjar ipotesi ghalih seta' biss jigi konsidrat bhala*

*l-mandatarju illi agixxa fl-interess tal-mandat espress jew taxitu li uzufruwixxa mill-att illecitu li ghalih l-istess mandatarju kellhu jigu ukoll tenut responsabbli.*

Dan l-insenjament gie ukoll approvat fis-sentenza ta' din il-Qorti Fenech vs Fenech (3 ta' Ottubru 2003 Imhallef Philip Sciberras).

Hu naturali li l-fatt illecitu f'din il-kawza irid jigi ippruvat waqt it-trattazzjoni taghha.

**Ghal dawn il-mottivi il-Qorti tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenut u tordna l-kontinwazzjoni tal-kawza. Spejjes riservati ghall-gudizzju finali.**

**Moqrija.**

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------